**Kunsill Lokali Ħal Safi**

**Rapportt Annwali Amministrattiv**

**Għall-aħħar sena tas-seba' leġislatura u l-ewwel sena tat-tmien leġislatura**

**Kunsill Lokali**

**(l-ewwel terz tas-sena – April 2020)**

**Jannar 2019 – Diċembru 2019**

**1.1 Il-Kunsill**

Din il-leġislatura bdiet f'Lulju 2019

L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv u żewġ uffiċjali jassistuh. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL, ħames haddiema mill-Community Working Scheme.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill huma:

**Sindku – Johan Mula - Xogħolijiet, Proġetti, Edukazzjoni u Kultura, Fondi tal-Unjoni Ewropea**

**Elezzjoni Kunsill Lokali**

Kif ilkoll tafu matul is-sena 2019, fis-26 ta' Mejju, saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Għalhekk dan ir-rapport ta' ħidma se jkun qed ikopri parti minn xogħolijiet li saru matul is-7 leġizlatura li l-mandat tagħha ntemm fl-aħħar ta' Ġunju 2019 u xogħolijiet oħra li saru matul it-8 leġizlatura li bdiet il-mandat tagħha minn Lulju 2019.

Hija xi ħaġa normali li elezzjoni ġġib magħha xi tibdil. Pero' għandna tassew għalfejn inkunu ferm sodisfatti li f'Ħal Safi mhux biss irnexxilna nzommu l-maġġoranza pero' saħansitra zidna fil-persentaġġ tal-voti. Iz-zieda fuq l-elezzjoni tal-2015 kienet waħda sinjifikanti, zieda ta' 98 vot li t'ammonta ghall-persentaġġ ta' 6% tal-voti validi. B'hekk id-distakk bejn iz-zewg partiti kompla kiber u issa d-differenza bejn il-PL u l-PN f'Ħal Safi hija ta' 397 vot minn total ta' 1471 voti validi li jammontaw ghall-persentaġġ ta' 27% distakk bejn iż-żewġ partiti.

Dan huwa rizultat verament sinjifikanti specjalment meta lkoll niftakru li, sa qabel is-sena 2012, fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ma kienx jirnexxilna lanqas ingibu l-50% tal-voti u kif ilkoll tafu l-Kunsill kien jintrebaħ mill-PN. Dan huwa sinjal ċar u vot ta' fiduċja b'saħħtu fejn ir-residenti urew l-apprezzament taghhom lejn id-diversi xogholijiet u progetti li wettaqna fir-rahal u lejn l-istil ta' politika li ħaddanna fejn konna Kunsill għall-kulhadd, Kunsill ghar-residenti kollha irrispettivament mit-twemmin politiku li jhaddnu. U fermament nemmen li dan ġie verament innotat u apprezzat mill-maġġoranza tar-residenti u kellu bla dubju effett kbir fuq ir-rizultat.

**Kunsill Ġdid**

L-elezzjoni tas-sena l-oħra ġabet magħha tibdil żghir fil-kompoħizzjoni tal-Kunsill. Minn naħa tal-PL is-Sindku baqa' l-istess persuna, imbagħad kellna lis-Sinjura Janice Azzopardi li ġiet eletta Viċi Sindku u ħadet post il-Kunsillier Carlo Stivala li din id-darba ma' kkontestax fuq Ħal Safi, u kif ukoll lis-Sur Francis Callus li żamm postu fil-Kunsill. Minn naħa tal-PN reġgħu ġew eletti l-istess 2 Kunsillieri li kien hemm fil-leġiżlatura preċedenti.

Pero' fix-xahar ta' Settembru, madwar ftit iktar minn xahrejn mill-bidu tal-leġiżlatura, irrezenjat il-Vici Sindku. Saret elezzjoni każwali u l-post battal imtela' mis-Sur Mark Cocker filwaqt li s-Sur Francis Callus reġa' ħa l-kariga ta' Viċi Sindku.

**Proġetti**

1. Matul is-sena 2019 beda r-retawr tal-ħajt minn barra ta' Gnien Alexander Ball wara li l-Kunsill applika taht Miżura 4 fondi Ewropej ġestiti mill-Fondazzjoni GAL Xlokk. Dan ix-xogħol se jkun ikkumplimentat minn xogħol ta' tisbih minn ġewwa tal-ġnien, xogħol li se jibda matul din is-sena.

2. Is-sena l-oħra wkoll, tlesta l-proġett ta' restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali wara li l-applikazzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali f'isem il-Parroċċa tal-lokal kienet fost dawk magħżula. Dan ix-xogħol sar mid-direttorat tar-restawr fi ħdan il-ministeru tal-kultura. Il-Kunsill jirringrazzja lil Ministru Owen Bonnici tal-għajnuna.

3. Proġett ta' tħawwil ta' bosta siġar indiġeni f'Misrah il-Ħlantun u fis-soft area ta' Triq Ta' Rqajja. Dan ix-xogħol sar b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u IM.

4. Installazzjoni ta' Outdoor Gym equipment fil-bandli grazzi għall-fondi li l-Kunsill ġab mid-DLG.

**Toroq**

Matul is-sena 2019 sar l-asfaltar taz-zona rurali tal-Hlantun li twassal saz-zona Ta' Gawhar. Ix-xogħol kien jinkludi wkoll l-asfaltar tal-isqaq li jagħti għall-kamra tan-nar tal-kazin San Pawl. B'hekk id-dilettanti tan-nar m'għandhomx iżjed il-periklu li jridu joħorgu bin-nar minn triq imħarbta kif kienet qabel.

Tlesta wkoll ix-xogħol tat-triq tal-Gnien Alexander Ball. Irrid nirrimarka li dan ix-xogħol għaqqad mal-asfaltar preċedenti li kien sar fiz-zona Ta' Gawhar u x-xogħol li tlesta fiz-zona tal-Hlantun u kif ukoll max-xogħol fi Triq San Tumas li tagħti għall-Misrah tal-Ħlantun li saret minn fondi Ewropej li rnexxilu jakkwista l-Kunsill Lokali. B'hekk nistgħu ngħidu li z-zona rurali tar-rahal taghna, li mhijiex zghira, issa tinsab kompletament asfaltata. Il-Kunsill Lokali jirringrazzja lill-IM u lill-Ministru Ian Borg tax-xogħol kbir li sar fit-toroq rurali tar-raħal tagħna.

Matul is-sena l-oħra beda wkoll ix-xogħol tant mistenni tat-twessiegħ ta' Triq il-Kuċċard. Dan ix-xogħol, li ukoll qed isir minn IM, qed jitkompla u huwa mistenni li jkun lest matul din is-sena.

Riferenza għal toroq oħrajn li ser isiru matul din is-sena. (Triq San Gwann, Culverts Triq l-Iskola, Triq iŻ-Żurrieq, Triq it-Tellerit)

**Applikazzjoni għall-Fondi u Skemi**

Il-Kunsill applika taħt Mizura 4.4 fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu rranġati ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill se jkun qed jibbenefika minn 57,000 ewro. Dan ix-xogħol huwa maħsub li jsir matul din is-sena.

Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €400 minn inizzjattiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill xtara airconditioner ġdid għal użu fil-librerija pubblika.

Il-Kunsill applika ghall-skema mahruga mill-Awtorita' tad-Djar sabiex issir manutenzjoni fil-komun tal-blokok ta' appartamenti tal-gvern. Kuntratt bejn il-Kunsill, l-Awtorita' u l-Amministratur tal-blokka ġie ffirmat f'Awwissu u x-xogħol huwa mistenni li jsir din is-sena. Grazzi għal dan il-ftehim se jibbenefikaw ir-residenti li jgħixu fil-blokka tal-gvern li tinsab fi Trejqet Tarsu.

Il-Kunsill applika ghall-skema maħruga mid-DLG sabiex inħeġġu l-attivita' fiżika. B'dawn il-fondi l-Kunsill installa outdoor gym equipment fil-bandli u saru wkoll sessjonijiet ta' aerobics minghajr ħlas fis-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill applika ghall-skema oħra maħruga mid-DLG sabiex issir irrigazzjoni f'post tal-għazla tagħna. Il-kunsill ibbenefika mis-somma ta' €12,400 li permezz tagħhom se tkun qed issir l-irrigation system fil-Gnien Alexander Ball. Dan ix-xogħol mistenni jsir din is-sena.

Il-Kunsill applika taħt Miżura 1-fondi tal-Unjoni Ewropea ġestiti mill-Fondazzjoni GAL Xlokk 'Restoration of Cultural Assets'. Il-Kunsill se jkun qed jibbenefika mis-somma ta' €10,000 li se jmorru għax-xogħol tant meħtieg sabiex isir ir-restawr tal-Koppla u l-Lanterna tal-Knisja Parrokkjali.

Skema Restawr Postijiet Storici – Direttorat tar-Restawr – Kappella Santa Maria.

**Edukazzjoni**

Din is-sena komplejna fuq il-ftehim li kellna mal-kumpanija TCTC sabiex isiru diversi korsijiet tal-kompjuter. Fost dawn kien hemm il-korsijiet għat-tfal bħar-ROBOTICA Nation, Coding for Kids u Artificial Intelligence for kids. Imbagħad kien hemm il-kors EM Citizen immirat għall-kbar. Bi pjaċir ngħidu li għal dawn il-korsijiet attendew tfal minn diversi rħula minn wara l-mina.

Għal darb'ohra l-Kunsill reġa' organizza il-Junior Science Club b'kollaborazzjoni mad-Directorate for Learning and Assessment Programmes. Din hija l-5 edizzjoni li qed isir dan il-

kors u l-Kunsill Lokali taghna huwa fost 3 kunsilli lokali f'Malta li qegħdin noffru din l-iniszjattiva' lit-tfal tagħna.

Ġiet organizzata wkoll l-attivita' 'Xjenza fil-Berah' għat-tfal, li saret fil-bandli tar-raħal.

Matul is-sena l-oħra komplejna bil-programm ta' qari għat-tfal 'Aqra Miegħi' u 'Seħer l-Istejjer'. Dawn il-programmi qed isiru kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fil-librerija tal-Kunsill. Il-Ġimgħa qiegħda wkoll issir sessjoni oħra għal tfal bi specific learning difficulties. Dawn l-inizjattivi qeghdin isiru b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu.

1. Lejn l-ahhar tas-sena bdew xogħolijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-bandli u fil-ground tal-football. Dan ix-xoghol sar b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-FTZD fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu. Bdejna wkoll tibjid tal-Ġnien Dun Karm Vella minn barra u minn gewwa. Dan ix-xogħol tkompla fil-bidu ta' din is-sena u qed isir ukoll mill-ħaddiema tal-FTZD. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Ministru Julia Farrugia Portelli tal-għajnuna.

2. Sar xoghol ukoll ta' tibdil ta' bankini fi Triq Hlantun. Xoghol li sar mill-kuntrattur tal-Kunsill.

3. Sar ukoll ix-xogħol fi Sqaq Ħannux li gie pavimentat mill-kuntrattur tal-Kunsill b'fondi li l-Kunsill irnexxilu jikseb mir-Reġjun Nofsinhar.

**Viċi Sindku – Francis Callus Ħarsien tal-Annimali, Saħħa, Sigurta u Infrastruttura**

- Kif bdiet is-sena 2019 kellna l-ewwel attivita' tas-sena jiġifieri l-ikla lill-anzjani fejn tajt is-sehem tiegħi bħal ma għamilt dejjem.

- Kienet sena fejn kellna il-ġudizzju tal-poplu b'elezzjoni fil-kunsilli fejn ukoll kont tajt is-sehem tiegħi bħala kontestant u ġejt elett.

- Fost il-ħidma attendejt barra l-pajjiż għal numru ta' ġemellaġġi u anke ospitajna konferenzi hawn Malta permezz ta' dawn il-ġemellaġġi.

- Fost il-ħidma tiegħi tajt pariri lill-kunsill fuq toroq u xogħolijiet konnessi ma restawr fi Ġnien Sir Alexander Ball u Ċentru Parrokkjali li għalkemm ma jaqgħux taħt id-dekasteru tiegħi imma għandi l-esperjenza f'dawk ix xogħolijiet.

- Ħadt ħsieb minn żmien ghal żmien biex issir il-manutenzjoni u s-sorveljanza ta' żewg AED's li għandna nstallati barra għal użu tal-publiku.

- Kelli sehem f 'taħdidiet dwar ħarsien tal- annimali u kif nistgħu intejbu il-ħarsien tagħhom.

- Kienet sena fejn attendejt għal laqgħat tal-kunsill għalkemm sibt ukoll xi ftit tfixkil minn fuq ix-xogħol biex inkun nista' nattendi ċertu laqgħat.

- Ingħatat l-injection tal-influwenza lil madwar 150 anzjani 'l fuq minn 55 sena.

- Inxtelgħet il-faċċata l-uffiċċju tal-Kunsill aħmar matul Ġunju biex jagħti għarfien għad-donaturi tad-demm

- Twaħħlu dog bins fejn kien hemm bżonn u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti

**Kunsilliera – Joanna Abdilla – Tfal u Żgħazagħ, Sport u Attivitajiet Fiżiċi, Integrazzjoni Soċjali u Qasam Soċjali, Attivitajiet u Għaqdiet tal-Lokal**

Il-Ħidma tul l-ewwel sena ta' din il-leġislatura kienet waħda mpenjattiva bħas-snin ta' qabilha, dejjem sabiex inżommu l-ispirtu ħaj u attiv fil-kommunita' tagħna, kif ukoll bi prijorita` mogħtija li f'dak kollu organizzat jissaħħaħ l-element tal-inklużjoni soċjali u dak kollu li jsir, isir għal Ħal Safi aħjar u li jitgawda bl-aħjar mod possibli mir-residenti.

Sakemm ġew introdotti r-restrizzjonijiet minħabba l-Covid-19, darba f'ġimgħa ġew organizzati sezzjonijiet ta' Cardio Fitness mingħajr ħlas, kemm fis-sala tal-Kunsill Lokali kif ukoll barra fil-ġonna tagħna. Saru wkoll sezzjonijiet ta' Aerobics darbtejn f'ġimgħa filgħodu. Dawn is-sezzjonijiet baqgħu isiru pero b'mod virtwali, kif bdew isiru wkoll is-sezzjonijiet ta' Qari ta' Stejjer għat-tfal, mil-librara tal-lokal. L-Isports huwa essenzjali għal kulħadd u għalhekk lit-tfal ħadna ħsieb li nħejjulhom logħob u attivitajiet sportivi wkoll darba f'ġimgħa fil-grawnd tal-futbol, kif ukoll athletics sessions mal-klabb Rush Athletics u sezzjoni ta' ċikliżmu mal-klabb Agones SFC. F'kollaborazzjoni ma' Agones SFC ġiet organizzata wkoll is-Safi Criterium, filwaqt ma' Rush Athletics ġiet organizzata is-Safi 5k. Issir sezzjoni wkoll darba f'ġimgha għall-individwi li għandhom il-kundizzjoni tal-Parkinson's u għal dawk li jieħdu ħsiebhom, minn Step Up for Parkinson's.

Ħarġiet u attivitajiet ġew imħejjija diversi fosthom ġita għal Sqallija, f'Acitrezza, Acicastello u Porte di Catania, Birgu Fest, ġurnata Kemmuna, Canoeing, Abseling, festin għat-tfal tal-Halloween, Milied u Karnival, ikla għall-anzjani, Festa Familja, ħarga l-Buskett għall-Imnarja. Inbdew it-tħejjijiet għall-Festa Qamar il-Għasel iżda minħabba l-Covid-19 ġiet posposta. Ġiet imtella' kummiedja wkoll fis-Sala tal-Iskola Primarja – In-Neputija tal-Kappillan, miż-żgħażagħ Ħalsafin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, Reġjun Nofsinhar, Każin Banda San Pawl u Safi Drama Group. Fil-festi tal-Ġimgħa l-Kbira laħqu saru l-Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ, iżda sfortunatament ġew imħassra wkoll diversi attivitajiet oħra, fosthom il-Via Sagra madwar it-toroq ewlenin, li ssir bil-parteċipazzjoni ta' ħafna żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa u l-Kunsill Lokali. Saret ukoll sezzjoni ta' arti f'Misraħ Santa Marija minn grupp ta' studenti tal-arti stess mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli, kif ukoll saru diversi Clean Ups mal-Kunsill Lokali Żgħażagħ kif ukoll ma' diversi residenti Ħalsafin. Il-Blood Donation Unit ġiet miġjuba wkoll mill-Kunsill Lokali fil-lokalita' tagħna, li normalment dejjem tinġieb darbtejn f'sena.

Ġew organizzati diversi laqgħat u anke opportunitajiet għaż-żgħażagħ fosthom dawk ta' Erasmus+; bis-suġġett, Djalogu bejn iż-Żgħażagħ u Politiċi u Minn Parteċipazzjoni għall-Azzjonijiet Inklussivi miż-Żgħażagħ. Bħala Kunsill Lokali ħadna sehem ukoll fid-djalogu ma' żewg parteċipanti oħra Ewropej, imħejji mill-grupp Innovative Youth Malta fejn is-suġġett diskuss kien il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ waqt 'Social Distancing', kif ukoll il-konferenza annwali tal-Integrazzjoni Soċjali. Il-Kunsill Lokali Ħal Safi issieħeb ukoll fit-tielet Town Twinning, din id-darba mal-lokalita' ta' Gaggi, fi Sqallija u anke ospita' l-konferenza dwar il-Wirt Kulturali Ewropew.

Ftehim importanti li sar fix-xhur li għaddew kien dak fuq il-Mużew l-antik tal-lokal, fejn se jinbidel f'Ċentru ta' Matul il-Jum għal individwi li għandhom id-Dimensja, kif ukoll Night Shelter wara li ssir il-manutenzjoni kollha meħtieġa. Ħidma kollettiva bejn id-Dipartiment tal-Anjzjanita` Attiva u Kura fil-Kommunita`, il-Kurja, il-Parroċċa ta' Ħal Safi u l-Kunsill Lokali. Tul dawn l-aħħar xhur, minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 il-Kunsill Lokali wassal diversi appelli lir-residenti, kemm dawk maħruġa mill-Awtorita' tas-Saħħa kif ukoll sabiex niġu avviċinati bħala kunsilliera f'każ ta' bżonn ta' għajnuna speċjalment lil dawk l-individwi vulnerabbli, kemm waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju u anke wara. Dawn l-avviżi ġew imwassla lir-residenti permezz tal-paġna ta' facebook, il-platform You Safe Safi, kif ukoll fil-fuljett li jitqassam kull xahar imħejji mill-Kunsill Lokali bl-attivitajiet li jkunu se jsiru mill-Kunsill Lokali nnifsu u l-Għaqdiet jew xi informazzjoni oħra importanti.

Hekk kif għaddiet l-ewwel sena ta' din il-leġislatura, inħares 'il quddiem għal ħafna iktar xogħol u impenn fis-snin li ġejjin, li jsir dejjem bi dmir, b`dover u fuq kollox b`imħabba lejn ir-raħal ta' Ħal Safi u l-kommunita' Ħalsafija.

**Kunsillier – Publius Abdilla – Ġonna (Tisbiħ) Agrikoltura, Saħħa u Sigurta'**

Mill-bidu tal-leġiżlatura bħala kunsillier attendejt u kkontribwejt fid-diskussjonijiet fi 19-il laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kont skużat f'waħda biss, dik tat-18 ta' Marzu 2020 minħabba l-pandemija Covid-19; peress li jien anzjan ta' aktar minn 70 sena tawni l-parir li noqgħod id-dar. Attendejt ukoll numru ta' laqgħat oħra straordinarji jew ta' urġenza msejħa mis-Sindku.

Kont parti minn bordijiet biex jiġġudikaw offerti ta' xogħol għall-kunsill lokali u anke membru ta' interviewing board tal għażla biex jigi impjegat skrivan.

Iffurmajt parti minn delegazzjonijiet fl-okkażjoni ta' ġemellaġġ mar-raħal ta' Gaggi fi Sqallija f'Settembru u delegazzjoni oħra għall-istess għan fir-raħal ta' Casa al Vecchio Molo fi Sqallija wkoll f'Jannar.

Ipparteċipajt ukoll, flimkien mal-Viċi Sindku, f'konferenza Ewropea dwar il-kultura u l-wirt fil-pajjiżi Ewropej li saret fl-Ungerija f'Settembru 2019.

Jien u s-Sindku għamilna diversi laqgħat mal-kuntrattur tal-indafa, mal-perit dwar Triq il-Kuċċard u mal-ħaddiema tal-Kunsill. lltqajna wkoll mal-kuntrattur li Infrastructure Malta qabbdet biex iħawwel siġar u arbuxelli f'zoni rurali u mort anke fuq il-post mal-istess

kuntrattur biex nara x-xogħol kif qed isir. Dan kien fl-akwata tal-Ħlantun u fl-area Ta' Rqajja'. Flimkien identifikajna postijiet fejn tista' tiżdied il-ħamrija biex jitħawlu aktar siġar. Dan il-proġett inkwetana ftit għax ma kienx suċċess daqskemm xtaqna peress li nsterqu numru ta' siġar u anke mietu numru ta' arbuxelli, l-aktar fl-akkwata Tal-Ħlantun.

Għamilt lista tas-siġar li għandhom bżonn jinżabru u lista ta' xogħol li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu. Ħawwilt u saqqejt jien personali xitel li issa għamlu l-fjuri fl-area tat-triq Ta' Rqajja'.

Min-naħa tal-indafa żammejt kuntatt kontinwu mal-Kunsill biex inwassal l-ilmenti tan-nies dwar l-indafa u anke ġbidt l-attenzjoni tal-kennies dwar postijiet li għandhom bżonn jitnaddfu. Ġbidt l-attenzjoni wkoll tal-kuntrattur kull meta rajt xi ħaġa li għandha bżonn ta' aktar indafa. Irrid nirrimarka li l-indafa fir-raħal ta' Ħal Safi hija waħda mill-aħjar.

Fl-aħħar u mhux l-inqas dejjem ikkontribwejt fil-ħarġa ta' kull fuljett li joħroġ il-Kunsill Lokali.

Nawgura lir-residenti u lill-għeżież tagħkom is-saħħa f'dan iż-żmien diffiċli.

**Kunsillier – Mark Cocker – Anzjani, Komunita' Kummerċjali, Innovazzjoni, Traffiku u Trasport**

Jien ġejt elett kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi f'elezzjoni kazwali li saret nhar is-7 t'Ottubru 2019, bis-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Maria Dolores Baldacchino, tiġi mgħarrfa uffiċċjalment nhar it-18 t'Ottubru. Il-ġurament tal-ħatra ħadtu qabel l-ewwel laqgħa nhar il-31 t'Ottubru.

Xogħoli fil-Kunsill beda qabel it-teħid tal-ġurament b'laqgħa mas-Sindku fejn għaddihieli d-dikasteri tat-traffiku u trasport, anzjani, innovazzjoni u komunita' kummerċjali.

Bdejt naħdem fuq l-aktar proġett ambizzjuz u ta' sfida għall-Kunsill, li hu dak fejn ħa tingħata pjazza ġdida lir-residenti. Il-pjazza ħa tinbidel minn waħda traffikuza u bla ruħ għal waħda pedonali, attraenti u mimlija ħajja. Il-pjazza hi parti biss minn ħolqa sħiħa ta' ideat innovattivi oħra għal bdil fid-direzzjoni tat-traffiku u rotot ġodda għat-trasport pubbliku. Dan il-proġett ħa jkun qed jolqot id-dikasteri kollha fdati lili b'mod pozittiv.

Kelli laqgħa mal-Principal tal-Kulleġġ San Benedittu u mal-Kap tal-iskola ħabba l-parkeġġ alternattiv fiz-zona. Huma irreferewni għall-awtorita' tal-ippjanar u għal Heritage Malta. Kelli wkoll korrispondenza ma Ms Rachel Debono, mas-Sur Dominic Vella, mas-Sur Thomas Debono, mas-Sur Andrew Haig u mas-Sur Ivan Pierre Vella rigward ir-rotot tat-trasport pubbliku u dak privat.

Fit-22 u 23 t'Ottubru, attendejt konferenza taħt il-Patrocinju tal-UE, dwar il-patrimonju nazzjonali f'diversi bliet u rħula Ewropej rapprezentati mill-mill-Kunsilli Lokali tagħhom.

Minn din il-konferenza ħareġ l-Impenn għall-preservazzjoni u iktar kuxjenza għal Legat Nazzjonali.

Fil-25 u 26 t'Ottubru attendejt għal-laqgħa pubblika tal-AKL. Kienet laqgħa interessanti ħafna għax fiha tqajmu punti li jolqtu d-dikasteri tiegħi minn Dr Antoine Zammit u minn Profs Maria Attard. Jien avviċinajt lil Dr Antoine Zammit mas-Sindku fejn tkellimna fuq l-idea tagħna għall-proġett. Profs Attard tista' tidħol ukoll aktar 'il quddiem ħabba l-ideat tagħha fejn jidħlu zoni pedonali. L-istess AKL qed tmexxi dawn l-ideat fuq skala nazzjonali, li jagħmel xogħolna ħafna eħfef.

Fil-31 t'Ottubru ħadt il-ġurament tal-ħatra tiegħi ta' kunsillier u attendejt l-ewwel laqgħa tiegħi bħala kunsillier. F'din il-laqgħa jien tajt rendikont dwar il-proġett tal-pjazza.

L-għada saret laqgħa ma' Dr Antoine Zammit biex naqsmu l-ideat tagħna miegħu u zorna l-pjazza u z-zona tal-iskola.

Fil-bidu ta' Frar 2020 attendejt konferenza simili għal dik t'Ottubru dwar l-Immigrazzjoni u l-integrazzjoni f'Vilnius il-Litwanja. Sentiment komuni bejn il-parteċipanti hu l-abbandun u n-nuqqas tal-protezzjoni minn-naħa tal-UE.

Is-sistema ta' integrazzjoni fil-Litwanja għoġbitni ħafna. Huma jzommu l-immigranti f'detenzjoni ghal bejn tliet xhur u sena fejn jigu mghallma l-kostituzzjoni u l-lingwa Litwana. Meta jkunu sodisfatti bil-progress tal-immigrant jithalla ghal riħu fil-pajjiz biex ifittex ix-xogħol bhala persuna integrata. F'kaz li tghaddi sena u jkun hemm falliment, l-immigrant jitkeċċa. Dan huwa l-mod kif jiġu integrati, mhux bħal hawn Malta, fejn ngħallmuhom l-Ingliz u nispiċċaw aħna noqogħdu għall-kumdita' tagħhom. Frar għalaq bil-laqgħa tar-Reġjun nofsinhar li saret Villa Blanche, Ħal Far.

Komplew ukoll id-diskussjonijiet ma' Dr Antoine Zammit fejn f'laqgħa formali mal-Kunsill ingħatajna dettal tax-xogħol li ħa jsir, inkluz il-korrispondenza dwar il-parkeġġ u r-rotot tat-trasport. Wara li irċivejna l-istimi uffiċċjali il-Kunsill approva waqt il-laqgħa tax-xahar li immexxu il-proġett mat-tim ta' Dr Antoine Zammit.

Sfortunatament il-Covid ħarbtitilna l-pjanijiet kollha, imma għadu qed isir kuntatt biex naraw meta hu l-aħjar zmien biex nibdew bl-istudji u bil-fora mar-residenti.

Fil-laqghat li dejjem kienu kordjali, ġew diskussi tkomplija ta' proġetti eziztenti u proġett ieħor ġdid għad-daħla tar-raħal, kif ukoll il-ħatra tal-Perit u l-librara l-ġdida, apparti xogħol amministrattiv u ilmenti mir-residenti.

Saret ukoll laqgħa fil-prezenza tal-pubbliku fejn qamu diversi lmenti u ideat. Il-proġett ambizzjuz tal-pjazza qed iqajjem ħafna kurzita'. Jien minn dejjem serraħt moħħ ir-residenti lil-proġett isir biss bi qbil magħhom wara votazzjoni.

Punti li qajjimt jien waqt diversi laqgħat kienu dwar il-preservazzjoni ta' wirt storiku u tneħħija ta' periklu għas-sigurta' tar-residenti. Filwaqt li l-Kunsill jista' jidħol għal dan ix-xogħol li qiegħed f'zona pubblika, mhux l-istess jista' jingħad għal fejn imiss ma' propjetajiet privati.

Mingħajr ma nelabora fil-kazi f'dan l-istadju, mhux sew li resident, li ma jafx bil-liġijiet fir-rigward, jieħu impressjoni li l-Kunsill huwa traskurat u ineffiċċjenti. Hemm bzonn leġizlazzjoni iktar ċara w b'saħħitha li tagħti d-dritt lill-Kunsilli jmexxu bis-saħħa tal-poteri tal-Gvern Ċentrali.

## 2.1 Il-Ħidma tal-Kunsill

### Bidla fl-Amministrazzjoni tal-Kunsill

Is-Sena 2019 ġabet magħha bidla mhux biss fl-amministrazzjoni, iżda ukoll bidla fil-kunsillieri għaliex minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru f'Mejju, s-Sinjura Janice Azzopardi ħadet post il-Kunsillier Carlo Stivala li din id-darba ma kkontestax fuq Ħal Safi. Pero' fix-xahar ta' Settemru, madwar ftit iktar minn xahrejn mill-bidu tal-leġiżlatura, irreżenjat il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Azzopardi. Saret elezzjoni każwali u l-post battal imtela' mis-Sur Mark Cocker filwaqt li s-Sur Francis Callus reġa' ħa l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Lejn l-aħħar tas-sena l-Kunsill impjega skrivan ġdid, is-Sur Antoine Apap wara r-riżenja tal-iskrivan is-Sur Julian Azzopardi. Għalhekk issa erġajna ġejna b'żewġ impjegati jaħdmu *front desk.* Aktar tard ġiet impjegata wkoll is-Sinjura Gladys Zammit Żammit bħala librara fil-librerija pubblika ta' Ħal Safi. Għalhekk issa nistgħu ngħidu li erġajna ġejna b' 'full compliment'.

### Laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill iltaqa 15-il darba matul is-sena 2019. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera kienu preżenti għal kull laqgħa, jew inkella kienu skużati minn qabel.

F'Lulju l-Kunsill kellu laqgħa mal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli u laqgħa oħra mal-Onor. Dr Owen Bonnici li saret f'Awwissu.

### Użu tas-Sala tal-Kunsill

1. Erba' sessjonijiet fil-ġimgħa ta' Aerobics/Nutritionist li jsiru filgħodu.
2. Day Centre għal anzjani kull nhar t'Erbgħa.
3. Kull nhar ta' Tnejn qed jiġu organizzati Dance Classes għal persuni li jbati mill-kundizzjoni tal-Parkinsons.
4. L-Erbgħa filgħaxija qegħdin jiġu organizzati Fitness classes b'xejn għal kulħadd.
5. Lezzjonijiet extrakurrikulari fix-Xjenza kull nhar ta' Tlieta.

### Inizjattivi

Il-kunsill ta' Ħal Safi ingħaqad ma' bosta Kunsilli oħra fix-xahar ta' Ottubru sabiex jieħu sehem f'Pink October fejn il-Kunsill kellu jdawwal post importanti bil-lokal bil-kulur roża. Il-Kunsill tagħna xegħel il-faċċata tal-Kunsill. Is-Sinjura Michelle Muscat, flimkien mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis, ġew iżuru l-lokal tagħna u bħala rikonoxximent għas-sehem tagħna f'din l-inizzjattiva ngħatajna voucher sabiex tinxtara siġra.

Il-Kunsill ta' Ħal Safi ingħaqad ma bosta Kunsilli oħra ukoll sabiex jinħoloq għarfien għad-donaturi tad-demm matul Ġunju. Il-Kunsill tagħna xegħel il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur aħmar.

**Użu tal-I.T.Room**

Din is-sena komplejna fuq il-ftehim li kellna mal-kumpanija TCTC sabiex isiru diversi korsijiet tal-kompjuter. Din is-sena għamilna korsijiet tal-kompjuter fosthom EM Citizens, ROBOTICA u Coding for Kids. Bi pjaċir ngħidu li għal dawn il-korsijiet attendew tfal minn diversi rħula minn wara l-mina.

**Xogħolijiet**

1. Saru Xogħolijiet ta' tisbiħ fi Ġnien Sir Alexander Ball.

2. Bdil ta' diversi tabelli tat-traffiku u sar ukoll iffriskar tal-linji tal-parkeġġi tar-raħal kollu.

**Servizzi tal-Kunsill**

1. Bulky Refuse: Il-Kunsill estenda s-servizz tal-bulky refuse għal darbtejn fil-gimgħa. Issa dan is-servizz tal-bulky refuse ser jibda jkun kull nhar t'Erbgħa u kull nhar ta' Sibt.

2. Librerija: Il-Librerija hija miftuħa kull nhar ta' Tnejn (5:00 pm sas-7:00 pm), it-Tlieta mill 10:30 am san-nofsiegħa (fejn qiegħdin nikkollaboraw mal-Iskola sabiex it-tfal jinżlu l-librerija waqt il-ħin tal-Iskola), il-Ħamis bejn 3:00 pm u 5:00 pm u s-Sibt mid-9:00 sa nofsinhar. Kull sena l-Kunsill jinvesti ammont ta' flus f'kotba ġodda.

3. Outdoor gym fil-bandli għal minn jixtieq jaghmel l-eżercizzju fiżiku.

4. Il-Kunsill ma jieħu l-ebda ħlas għas-servizzi li qed isiru fis-sala minn NGO's volontarji.

5. GreenPak: Kull nhar ta' Tlieta l-GreenPak jiġbru l-borża l-ħadra tal-Iskart riċiklat u l-ewwel Ġimgħa tax-xahar jinġabar il-ħġieġ. Il-Borża s-sewda tinġabar kull nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt.

6. Il-Kunsill daħħal il-kontenitur għal ħwejjeġ użati li jinsab fejn il-Bring in Sites fi Triq Qerd In-Naħal u żdiedu l-bins tal-bring in sites.

9. Servizz ta' ġbir ta' skart elettroniku fil-Kunsill Lokali.

10. Kalendarju ta' attivitajiet tal-Kunsill Lokali u l-għaqdiet f'Ħal Safi jitqassam bieb bieb kull xahar.

11. Magazine tal-Kunsill li jitqassam darbtejn fis-sena.

12. Aqra Miegħi u Seħer l-Istejjer - Kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ġimgħa fil-foyer tas-Sala tal-Iskola komplejna b'dawn iż-żewġ programmi ta' qari li huma maħsuba għal tfal minn 0 sa 3 snin u minn 4 sa 6 snin. Il-Ġimgħa qiegħda wkoll issir sessjoni oħra għal tfal *bi specific learning difficulties*.

13. Darba fix-xahar trukk tal-Wasteserv fejn il-Kunsill ikollu s-servizz tas-Sort it Out fejn jistgħu jarmu ċertu materjal riċiklabbli.

**Saħħa**

1. Berġa Pubblika. Kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Erbgħa bejn 10:15 am u 11.15am ikun hawn is-servizz ta' tabib u nurse fil-Berġa l-ġdida.

2. Servizz ta' Speech Therapist: Kull nhar ta' Tnejn u Tlieta bejn it-8:00 am u t-3:00 pm ikun hawn is-servizz ta' Speech Therapist fil-Kunsill Lokali.

3. Servizz ta' Podoloġija: Darba fix-xahar bejn it-8:00 am u nofsinhar ikun hawn servizz ta' Podoloġista fil-Berġa l-ġdida għar-residenti ta' Ħal Safi.

4. Fix-xahar ta' Novembru l-Kunsill ħa ħsieb li jagħti t-tilqima kontra l-influenza staġjonali lill-persuni 'l fuq minn 55 sena.

5. Fix-xahar ta' Marzu u Ottubru l-Kunsill ġab il-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza.

***Kuntratti li ħarġu fis-sena 2019***

Il-Kunsill ħareġ tlett kuntratti fis-sena 2019. Wieħed sabiex isir l-embellishment tal-Gnien Sir Alexander Ball, kuntratt ieħor sabiex isir ix-xogħol tal-ħadid u aċċessibbilita' għal Ġnien Sir Alexander Ball u period contract sabiex ikollna perit tal-Kunsill.

**Attivitajiet**

Matul is-sena 2019 saru diversi attivitajiet.

F'Jannar gew organizzati l-ħarġa kulturali fil-Belt Valletta, l-ikla tradizzjonali tal-anzjani fis-sala tal-iskola, u l-Kuncert tal-Milied b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa tar-raħal.

Fi Frar ġew organizzati żewġ attivitajiet taċ-ċiklizmu b'kollaborazzjoni ma' Agones. Dawn it-tlielaq tar-roti saru fi Triq Carmelo Caruana.

F'Marzu ġie organizzat party tal-Karnival għat-tfal.

F'Marzu wkoll ġiet organizzata open day għall-First Responders u Law Enforcers. Din l-attivita' saret b'koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u Simon Schembri Blue Light Foundation u kellha l-parteċipazzjoni ta' 10 entitajiet governattivi li huma nvoluti fl-infurzar tal-liġi jew li jagħtu l-ewwel għajnuna. Din kienet l-ewwel attivita' organizzata minn Kunsill Lokali

f'Malta li rnexxilha tlaqqa' dawn l-entitajiet governattivi kollha f'attivita' waħda. B'sodissfazzjon nghid li ghal din l-attivita' kellna attendenza kbira mill-pubbliku.

F'April bħas-soltu gie organizzat Jum Hal Safi. Apparti l-quddiesa, il-marċ mill-Banda San Pawl u s-Serata tal-Premju Onoreficenza li ntrebaħ mis-Sinjura Tessie Magri, kellna wkoll wirja ta' Pittura mill-artist Edward Milan, Treasure Hunt ghat-tfal, u ngieb ukoll il-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza. Apparti minn dan, bi ftehim ma' Heritage Malta saret esebizzjoni tal-fdalijiet storiċi ferm importanti li kienu nstabu fit-rahal taghna fl-inhawi tal-Karwija fejn illum hemm is-Safi Aviation Park. Kunsill Lokali jirringrazzja lill-Ministru Owen Bonnici tal-ghajnuna tieghu sabiex kien possibbli li din l-esebizzjoni tingieb fis-sala tal-kunsill ghal din l-okkazjoni.

F'Gunju, fis-sala tal-kunsill gie organizzat seminar dwar l-inkluzjoni socjali flimkien mal-kullegg San Benedittu.

F'Lulju giet organizzata gurnata Kemmuna u dawra ma' Malta.

F'Settembru giet organizzata gurnata Sqallija.

F'Settembru wkoll giet organizzata Clean-Up day fejn ġew imnaddfa l-inħawi taż-żona tal-Ħlantun .

F'Ottubru inġieb il-Mobile Blood Donation unit fil-pjazza.

Ħarġa għal Birgu Fest f'Ottubru.

F'Diċembru gew organizzati dawn l-attivitajiet:

Tigrija Safi 5k Road Race b'kollaborazzjoni ma' Rush Athletic Club

Play fis-sala tal-iskola bl-isem ta' 'In-Neputija tal-Kappillan' li saret b'fondi tar-Reġjun Nofsinhar b'kollaborazzjoni mal-Każin Banda San Pawl u ma' Safi Drama Group.

Sessjonijiet ta' Ċikliżmu għat-tfal fil-pjazza b'kollaborazzjoni ma' Agones.

Party tal-Milied tat-Tfal fis-Sala tal-Kunsill.

Festa Familja – Attivita' għall-familji u tfal li ġiet organizzata fil-pjazza tar-raħal permezz ta' fondi mir-Regjun Nofsinhar.

F'Diċembru tqassmu wkoll hampers għall-dawk l-anzjani li ma joħorgux minn djarhom.

Matul is-sena saru wkoll sessjonijiet ta' Atletika għat-tfal. Dawn is-sessjonijiet saru flimkien ma' Rush Athletic Club fil-ground tal-football tal-kunsill. Saru wkoll sessjonijiet tal-aerobics u diversi attivitajiet fiżiċi oħra fis-sala tal-Kunsill.

## Rapport Finanzjarju

Fis-sena 2019 il-Kunsill kellu dħul ta' €309,577. Minn dawn €280,431 kienu allokati mill-Gvern Ċentrali, €7,185 kienu allokati mill Bye-Laws u €1,798 minn kontravenzjonijiet waqt li l-Kunsill daħħal €20,163 minn dħul ġenerali.

Huwa prevvist li l-Kunsill nefaq €275,976 matul is-sena 2019. €102,781 kienu mħallsin għall-manutenzjoni u xogħolijiet oħra, waqt li 82,741 kienu spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra, waqt illi €90,454 ntnefqu fuq il-pagi, onorarja tas-Sindku u allowances tal-Kunsilliera.

**B'sodisfazzjoni ngħid illi l-Kunsill għalaq is-sena 2019 b'surplus ta' €33,438.**